**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Anthony Agius)**

**vs.**

**Rupert Busuttil**

Numru 440/2007

Illum 10 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Rupert Busuttil**, ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Carmelo u Doris neé Xuereb, imwieled Pieta' fit-2 ta' Settembru 1974, residenti f'St. Mary Court, Flat 10B, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 424874(M) akkuzat talli:

1. fit-12 ta' Mejju 2007 u fil-jiem ta' wara din id-data, kif ukoll ta' qabel, f'Malta, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta, bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta, sew barra minn Malta,

ikkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fit-12 ta' Mejju 2007 u fil-jiem ta' wara din id-data, kif ukoll ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, assocja ruhu flimkien u/ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (reat bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan bi ksur tal-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. fit-13 ta' Mejju 2007 f'dawn il-Gzejjer, ghamel uzu minn vettura, u cioé Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni AAL 561 minghajr licenzja mehtiega mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, meta l-istess vettura ma kienitx tajba ghall-uzu, dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligiijet ta' Malta;

4. fl-istess cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura, u cioé Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni GAF 896 minghajr licenzja mehtiega mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, meta l-istess vettura ma kienitx tajba ghall-uzu, dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fit-13 ta' Mejju 2007, f'dawn il-Gzejjer, waqt li kien qed isuq il-vettura Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni AAL 561, uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network*, jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss, dan bi ksur tal-Artikolu 35(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex tordna l-konfiska tal-oggetti hawn imsemmija u cioé vettura Peugeot bajda bin-numru ta' registrazzjoni IAS 397, vettura Daewoo bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 u vettura Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 kif ukoll dghajsa ta' tmienja u ghoxrin (28)

pied b'isem "Joseph 1" bl-apparat konness, kif ukoll ta' tlitt (3) muturi tal-bahar.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 237) datata 23 ta' April 2008 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 337A, 48A, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65;
(c) fl-Artikolu 35(d) tal-Kapitolu 399.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2008 (*a fol.* 238), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-23 ta' April 2008 (*a fol.* 237), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 372 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-25 ta' Frar 2016 (*a fol.* 380) u tal-4 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 382), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-10 Mejju 2017, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 387 *et seq.*) (u dana apparti li l-Qorti rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 348 *et seq.*) u tad-difiza (*a fol.* 357 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2007, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Edel Mary Camilleri** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn spjegat li in segwitu ta' informazzjoni anonima li giet ricevuta fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta rrizulta li go vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772 kien hemm tlitt Gharab li tispjega kienu harbu mic-Centru ta' Detenzjoni. Tixhed li rrizulta wkoll li fil-vicinanzi kien hemm Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 registrata fuq certu Joseph Mamo maghruf bhala c-Ciniz u li maghha kien hemm *power boat* bl-isem ta' "Joseph 1" bi tlitt muturi kbar maghha li flimkien jammontaw ghal 640 *hp* u liema dghajsa kienet registrata fuq l-imputat. Dawn instabu quddiem garaxx li kien miftuh u li kien mikri lill-imputat. Irrizulta li go ghalqa mikxufa quddiem il-garaxx kien hemm vettura Peugeot abbandunata bin-numru ta' registrazzjoni IAS 397 li ssejjah lil Amor Meiri. Spjegat li ghall-habta tal-11.00pm dahlet informazzjoni anonima ohra fejn inghad li madwar erbghin persuna suspettati ta' nazzjonalita' Gharbija ntlemhu jaqsmu l-*bypass*. Xehdet li l-garaxx li semmiet aktar qabel jinsab fi triq li tigi ezatt mal-genb tal-*bypass* u li fuq il-garaxx hemm blokk ta' flats bl-isem ta' Solitaire Flats. Irrizulta li fl-inhawi nstabet vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 li ssejjah lill-imputat, f'liema vettura kien hemm Libjan kif ukoll omm u zewg tifal minorenni (wahda ta' sittax (16)-il sena u ohra ta' seba' (7) snin – ta' nazzjonalita' Iraqqina). Tixhed li aktar tard l-omm imsemmija cioé Ghaniah Salman qaltilha li mhux minnu dak li kienet qaltilha qabel u li ammettiet li kellha l-iskop li tahrab minn Malta. Tghid li din il-persuna qaltilha li kienet giet Malta fit-12 ta' Mejju 2007 u li wara li ltqaghet ma' Malti u ma' Gharbi gewwa Baystreet giet mistoqsija jekk kienitx lesta li tahrab minn Malta flimkien mat-tfal taghha. Tghid li qaltilha li biex ikun jista' isehh dan il-vjagg ftehmu fuq il-prezz ta' 3000 dollaru Amerikan. Tghid li gie arrestat l-imputat u kif ukoll il-persuna ta' nazzjonalita' Gharbija u li apparti li ttiehdu l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat, ittiehdu wkoll passi fil-konfront ta' Ghaniah Salman peress li kienet lesta li tahrab minn Malta b'mezzi illegali in segwitu ta' liema proceduri Salman

ammettiet. Tghid: *"Rupert gie deskritt minn naha ta' Ghaniah Salman bhala persuna bil-misluta f'widintu, naqra qawwi u ftit fartas"* (*a fol.* 20). Tghid li saret Inkjesta Magisterjali u ezebiet tlitt (3) skieken li nstabu fuq id-dghajsa "Joseph 1" li gew immarkati bhala Dok. "EC", sett ta' ritratti mehuda minn PS 189 Arthur Debattista mmarkati bhala Dok. "EC 1" (*a fol.* 35), l-assigurazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 immarkata bhala Dok. "EC 2" (*a fol.* 35), il-*yacht insurance* fuq "Joseph 1" immarkata bhala Dok. "EC 3" (*a fol.* 35), tliet (3) *seizure forms* immarkati bhala Dok. "EC 4" sa "EC 6" (*a fol.* 36 *et seq.*), il-*lock* u c-cwievet bhala Dok. "EC 7", *mobile* immarkat bhala Dok. "EC 8", u z-zewg stqarrijiet tal-imputat immarkati bhala Dok. "EC 9" (*a fol.* 39 *et seq.*) u Dok. "EC 10" (*a fol.* 41 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li Ghaniah Salman l-ewwel qaltilha li kienet prezenti fejn instabet biex imorru dawra pero kienet ghadha mhux certa fejn ser tmur ezatt. Tghid li Salman qaltilha li giet mitkellma gewwa Baystreet minn Gharbi fil-prezenza ta' wiehed li hija (Salman) kienet tissusspetta li huwa Malti. Tghid li ma rrizultalhiex li Salman tat xi flus lil Malti pero li hija tat il-flus lil Gharbi.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 270 *et seq.*), ikkonfermat li qabel waslet hi fuq il-post kienu diga waslu Pulizija ohra u li sabet arrestati numru ta' persuni ta' nazzjonalita' barranija. Ikkonfermat li gew elevati xi vetturi u li thalla Pulizija *fixed point* hdejn il-garaxx. Ma setghetx tikkonferma jekk il-bieb tal-garaxx inghalaqx mill-Pulizija. Mistoqsija tghid jekk Ghaniah Salman inghatatx status ta' refugjat, wiegbet li Salman u t-tfal taghha nghataw *temporary humanitarian status*. Tghid li fil-konfront tal-imputat ma saritx *Identification parade*. Tikkonferma li wara ftit sieghat hi wriet album b'hafna ritratti ta' nies lil Salman u li kien hemm ritratt inkluz tal-imputat u tghid: *"Iva ntwerew ritratti waqt l-investigazzjoni flimkien ma' hafna iktar ritratti pero jidher li ma identifikat lil hadd at that point"* (*a fol.* 287). Tghid li dawn huma ritratti ta' nies li huma suspettati biss fuq traffikar ta' immigranti.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2007, xehdet ukoll **Ghaniah Salman** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjegat li fit-12 ta' Mejju 2007 giet Malta mil-Libja bl-ajruplan ghall-vaganza u li flimkien maghha kien hemm iz-zewg

itfal taghha. Tghid li meta hargu mill-ajruport u telghu fuq ix-xarabank iltaqghu ma' Gharab u staqsiethom biex juruha xi lukanda fejn imorru joqghodu. Tghid li wara marru go *coffee shop* u staqsewha jekk riedux imorru l-Italja peress li kien hemm min jahdem Malta ghall-Italja u l-Italja ghal Malta b'mod legali u ghandu licenzja u setghu jehduhom b'dghajsa lejn l-Italja. Tghid li l-*cafeteria* kienet ma' wiehed Gharbi u wara marru xi Maltin. Tghid li hi ma tafx titkellem bil-Malti u hi kienet qed titkellem ma' l-Gharbi u l-Gharbi kien qed jitkellem bil-Malti. Tghid: *"Wiehed minnhom il-Malti kien telaq, qalli nipprova nmur biex ingib xi licenzja jew xi haga hekk biex jista' jitla' fid-dghajsa. Kien telaq biex igib xi permess biex jistghu jitilqu ghall-Italja u baqa' Malti u Gharbi iehor. Bdew icemplu lil xulxin fuq il-mobile u mbaghad qalli li ma stajtx ikolli permess biex nidhlu llum"* (*a fol.* 46). Mistoqsija tghid x'giet mitluba biex igibulha l-permess, wiegbet li giet mitluba 3000 dollaru Amerikan liema flus tathom lill-Gharbi barra l-*cafeteria*. Tghid: *"Jiena proprja gejt holiday imma jiena nipprova biex insib hajja ahjar ghat-tfal tieghi ghax intom tafu l-Iraq x'qed jigri bil-gwerra. Jiena fdajt f'dak il-persuna ghaliex qed jghid li jiena ried ikolli permess biex nista' naqsam ghall-Italja u iktar kont afdajt fih u prova biex igib il-permess"* (*a fol.* 48). Fl-awla gharfet lill-imputat bhala l-persuna ma' min beda jitkellem l-Gharbi. Tghid li l-Gharbi qalilha li l-imputat kellu bzonn il-permess biex ikollu bzonn karti mill-Pulizija biex ikunu jistghu jmorru bid-dghajsa. Tghid: *"Bhal ma dejjem kif qalli l-Gharbi, hu dan l-akkuzat li qieghed hawn hekk u li kien mar biex jiccekkja jekk jistax igib dan il-permess. Dejjem bhal ma qalli l-Gharbi. U l-Malti l-iehor baqa' hemm hekk u kien qed icempillu fuq il-mobile u jghidlu, "Sibt il-permess? All right jew le? Lest il-permess jew le?", Imbaghad domna hekk, domna hafna hekk nistennew u mbaghad qalli l-Gharbi, bdew icemplu lil xulxin bil-mobile u mbaghad qaluli "le ma setghax ikollu l-permess illum", jigifieri "llum ahna ma nistghux mmorru u nitilqu lejn l-Italja""* (*a fol.* 54). Tghid li xorta wahda tat il-flus u l-passaport taghha lill-Gharbi. Tghid li l-Gharbi hadha gewwa lukanda u giet mikrija kamra f'din il-lukanda. Tghid li kienu ftehmu li jistennew biex jiehdu l-permess tal-Pulizija li jistghu jitilqu legalment minghajr problemi. Tispjega li l-ghada f'nofinhar hargu mil-lukanda u marru fl-istess *cafeteria* fejn t-tfal taghha u hi ltaqghu mal-Gharbi li qalilhom biex jibqghu fl-inhawi. Tghid li baqghu hemm sakemm mar il-Malti ghall-habta tat-8.30pm u qalilhom li kien sejjer xi hadd biex jigborhom, giet

vettura ta' kulur bajda, telghu fiha u marru f'post li ma tafx fejn fejn marru l-Pulizija. Tghid li x-xufier tal-vettura bajda kien Malti, u li kien hemm xi hadd iehor Gharbi li kellu l-hsieb li jmur maghhom ukoll. Tghid li l-Gharbi l-iehor li mar ghalihom il-lukanda ma marx maghhom. Tghid li l-Malti li kien wassalhom bil-vettura, nizel bil-vettura u telaq u qalilhom biex jistennew. Tghid li giet wahda Tunezina li ghalqet il-bieba tal-vettura u waqt li kienu fil-vettura raw lill-Pulizija. Mistoqsija tghid kemm il-darba rat lill-imputat, wiegbet li ratu darba wahda biss, fil-*cafeteria*. Tghid li meta kienet fil-*cafeteria*, l-Gharbi beda jitkellem mal-imputat bil-Malti.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda: *"Mela l-ftehim ma' l-Gharbi kien li hu qalilna li ser igib permess biex ikun jista' jehodha legally, qed nifhem sew?"* (*a fol.* 61), wiegbet: *"Le. Ezattament l-Malti hu li beda jghid lill-Gharbi u l-Gharbi jghid lili"* (*a fol.* 61). Tghid li bil-Malti ma tifhimx u li lilha beda jkellimha l-Gharbi. Tikkonferma li lilha beda jkellimha l-Gharbi. Ghad-domanda jekk il-ftehim sarx ma' l-Gharbi, wiegbet: *"Iva ghax hu jaf lill-Malti"* (*a fol.* 62). Ghad-domanda: *"U ma' l-Gharbi ftehmet li hu kien ser igib permess li ser jehodha legally lilha u lit-tfal lejn l-Italja, qed nifhem sew?"* (*a fol.* 62), wiegbet: *"Le l-Gharbi qal li l-Malti ha jgib il-permess ghad-dghajsa biex jista' jitlaq"* (*a fol.* 62). Tghid li l-Gharbi qalilha li d-dghajsa tiehu lit-turisti lejn l-Italja. Tikkonferma li tat il-flus lill-Gharbi u li f'dan il-hin l-imputat ma kienx hemm. Tikkonferma li lill-imputat ratu darba biss fil-*cafeteria* u li l-imputat ma baqghax sal-ahhar peress li l-Gharbi qalilha li l-imputat kien sejjer biex igib il-permess. Tghid: *"il-Malti l-iehor baqa' hemm"* (*a fol.* 64).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed **Elmahmoudi Ezeddin Abdulmagid** (*a fol. 77 et seq.*) fejn meta gie mistoqsi dwar dak li gara fit-12 ta' Mejju bil-lejl sbieh it-13 ta' Mejju 2007, jghid li l-gurnata kienet il-Hadd u peress li huwa ried jikri flat mar jiltaqa' ma' ragel Malti f'Baystreet li ndikah bhala l-imputat. Spjega li wara li hargu minn Baystreet marru b'vettura ta' kulur abjad, li ma jiftakarx in-numru taghha, biex jaraw il-post tal-kiri li kien daqxejn il-boghod. Jghid li waslu fil-post ghall-habta tad-9.00pm. Spjega li fil-vettura kienu hu u familja Iraqqina u wara li l-imputat nizel biex jiccekkja l-flat, wara ftit marru l-Pulizija ghalihom. Jghid li wara li gew il-

Pulizija u nizel mill-vettura ra li kien hemm xi dghajsa. F'ritratti mmarkati "7" u "8" li jifformaw parti minn Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) ra l-vettura li tela' fiha [cioé bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561]. Spjega x'ra f'ritratti ohra. Jghid li l-imputat saq din il-vettura f'liema hin kien fuq il-*mobile*. Ma jiftakarx x'kien in-numru tal-*mobile* tieghu. Jghid: *"Proprjament ahna morna ghall-flat proprja ghall-familja Iraqqina mhux ghalija biex nikrieh. Ghal dik il-familja l-Iraqqina"* (*a fol.* 82).

In kontro-ezami ikkonferma li lill-imputat jafu ghax mar biex jikri flat ghal xi nies Iraqqini. Jghid li dak hu l-uniku konnessjoni mal-imputat.

In ri-ezami jghid li l-imputat wasslu fit-triq fejn gew il-Pulizija. Jghid: *"Dak il-hin meta waqafna bil-karozza, nizel ix-xufier mill-karozza u kien jaf li kien hemm in-nies, waqaf ghal certu nies u beda jitkellem maghhom u dak il-hin sakemm inzilt u ma rajtux izjed b'ghajnejja"* (*a fol.* 83). Jghid li l-imputat mar min-naha tal-blokk fejn il-flats.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **Abdelmalik Amir Makram** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar li nqabad mill-Pulizija kien in-naha tal-Marsa, mar xi hadd u waqaf bil-vettura u qallu li kellu xi xoghol ta' kisi biex jahdmu. Jghid li kien mar mieghu ghal xi l-5.30am f'post f'San Pawl il-Bahar, vicin hafna *petrol station*, u x'hin spicca jahdem ghal xi l-10.00pm jew l-10.30pm dan il-persuna qallu li kien ser iwasslu lura. Jghid: *"Imbaghad dahhalni go karozza, kien hemm xi tnejn ohra hemm hekk fil-karozza u qalli issa nwassalkom jiena"* (*a fol.* 86). Jghid li dan il-persuna dam naqra tant li spicca raqad fil-vettura imbaghad sab il-Pulizija. Mitlub jghid jekk jaghrafx lil dan il-persuna fl-awla, wiegeb fin-negattiv. Meta ra ritratt "3" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) qal: *"mhux cert jekk hux il-karozza li tlajt fiha jew le imma bhalha, xi haga hekk"* (*a fol.* 86). Jghid li dan il-persuna qallu li ma kienx ser ihallsu dakinhar ghax-xoghol ta' kisi li ghamel peress li ma kellux flus fuqu u li kien ser jehodlu l-flus il-Marsa.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **PS 1096 Edmond Cuschieri** (*a fol.* 88 *et seq.*) fejn spjega li fit-12 ta' Mejju 2007 ghall-

habta tal-10.30pm kien *night watch* fil-Mosta fejn ircieva telefonata minn ghand persuna maskili fejn qallu li fi Triq Jean de la Cassiere, il-Qawra kien qed isehh xi *drug deal* u qallu li kien hemm xi tlitt min nies go vettura blu u qed ipartu xi flus mill-idejn u drogi. Spjega li nforma l-Ghassa tal-Pulizija u kif ukoll il-*control room*. Jghid li wara xi ghaxar minuti, rega' cempel l-istess persuna fejn infurmah li kienu gew maqbuda tlieta min nies pero kien hemm erba' min-nies ohra jigru fl-ghelieqi sejrin lejn il-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar. Jghid li gew infurmati l-*control room* u mar hu flimkien ma' tnejn ohra fejn meta marru fuq il-post fit-triq raw xi persuni maqbudin, fosthom zewg nisa, tifla u ragel ta' nazzjonalita' Gharbija. Jghid li ma rrizulta xejn meta marru ma' dawn in-nies ghall-passaporti taghhom fil-Hotel Bernard f'Paceville. Jghid li r-*receptionist* qallu li ma kien jaf lil hadd minn dawn il-persuni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehdet ukoll **WPC 275 Charlene Simpson** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn spjegat fit-12 ta' Mejju 2007 sbieh it-13 ta' Mejju 2007 kienet xoghol ma' PS 1096 Cuschieri u giet mitluba tassistih fi Triq Jean de La Cassiere. Tghid li minkejja li saret tfittxija ghal xi passaporti ta' tliet persuni, dawn il-passaporti baqghu ma nstabux u dana minkejja li marru f'Hotel Bernard. Tghid li tar-*reception* tal-lukanda ma kienx jafx b'dawn in-nies.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **PC 350 Emanuel Said** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn spjega li huwa jifhem bil-lingwa Gharbija. Jghid li huwa assista lill-iSpettur Camilleri kemm fl-investigazzjoni u kemm fit-traduzzjoni mill-Gharbi ghall-Malti u vice-versa.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **PC 282 Adrian McKay** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn spjega li gew ikkuntatjati biex imorru San Pawl il-Bahar. Jghid li kien sar rapport li xi hadd kien qed jiehu xi drogi go vettura Renault Clio blu u li kien hemm xi persuni. Spjega li marru fi Triq Jean de La Cassiere f'San Pawl il-Bahar u li ghall-ewwel ma nnuttawx din il-vettura. Jghid li giet innutata dghajsa li kienet marbuta ma' Land Rover u kien hemm zewg persuni fuq id-dghajsa. Jghid li eventwalment intlemhet il-vettura Renault Clio li fiha kellha tlieta min nies li kienu rgiel ta' nazzjonalita' barranija u li kienu bis-*seat* imnizzel. Jghid li dawn it-

tlitt persuni kellhom basktijiet bil-hwejjeg. F'ritratt "3" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) ra l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772 li marru fuqha. F'ritratt "19" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) ra l-Land Rover wieqfa li kienet tigbed dghajsa. Ghamel riferenza ghal garaxx miftuh li jidher f'ritratt "21" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35). Jghid li mentri ritratti "20" u "25" juru d-dghajsa li kienet fuq il-post, ritratt "30" juri l-hwejjeg li semma aktar qabel. Jghid li l-hwejjeg nstabu gor-Renault Clio.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **PS 581 Loreto Buttigieg** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn spjega li gie nfurmat mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta li fi Triq La Cassiere f'San Pawl il-Bahar kien qed isir xi *drug deal*. Jghid li nforma lill-*control room* li kellu bzonn l-assistenza. Jghid li x'hin kien ghaddej minn Triq La Cassiere, innota vettura Renault Clio ta' kulur blu bi tliet persuni go fiha li rrizulta kienu ta' nisel Gharbi. Jghid li wara ftit gie nfurmat li kien hemm aktar nies jigru fil-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar u spjega li waqt li l-Pulizija tal-*mobile* u tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta marru jaghmlu tfittxija f'dawk l-inhawi, hu flimkien ma' nies tal-Qawra u xi membri ohra tal-*mobile* ghamlu tfittxija fl-inhawi fejn sabu l-vettura. Jixhed li aktar il-quddiem nstabet vettura Daewoo Espero fejn fiha kien hemm guvni Gharbi, omm u zewgt ibniet fejn dawn qalulu li kienu marru hemm ma' xi hadd Malti li halliehom fil-vettura u telaq lil hemm. Jghid li ppruvaw jifthemu kif setghu u li aktar il-quddiem sabu dghajsa ta' kulur vjola marbuta ma' Land Rover u go ghalqa sabu vettura ohra Peugeot 205 li kienet bic-cwievet go fiha u kienet tinhass li l-magna kienet ghadha tahraq. Jghid li minn tfittxija li saret fl-inhawi ma nstab hadd. Jghid li ritratt "3" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) juri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772, li hija l-vettura li l-ewwel sabu n-nies go fiha, cioé t-tliet irgiel. Jghid li ritratt "19" juri l-Land Rover li kienet marbuta maghha l-i*speed boat* u li ritratt "21" juri l-garaxx miftuh u li kien hemm id-dghajsa qieghda barra, nofsha fid-*drive in* u nofsha taghlaq it-triq. Spjega x'ra f'numru ta' ritratti ohra li gie muri. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu, li giet immarkata bhala Dok. "LB" (*a fol.* 107 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehed ukoll **PC 442 Gary Scerri** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qal li giet mitluba l-assistenza mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra sabiex jaghmlu tfittxija fejn kellhom xi suspett dwar vettura Renault Clio. Jghid li flimkien ma' kollega tieghu telghu t-triq u meta waslu fit-tarf tat-triq ma sabux din il-vettura u x'hin kien qed idawwar ra *speed boat* ipparkjata fil-genb marbuta ma' Land Rover imma dak il-hin, kienu qed ifittxu vettura, dawwar u telaq. Jghid li gew imsejha mill-kollegi taghhom li kienu sabu din il-vettura u marru jassistuhom biex jaghmlu tfittxija u minn tfittxija li saret irrizulta li l-persuni ma' kellhomx dokumenti fuqhom. Jghid li meta dawn ittiehdu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, regghu gew imsejha peress li kienu raw xi persuni ohrajn jigru u regghu marru hemm hekk u sabu vettura ohra b'xi nies fiha. Jghid li kien hemm Renault Clio ta' kulur blu, Daewoo abjad u Peugeot abjad. Jghid li d-dghajsa kienet marbuta mal-Land Rover u x'hin kien qed idawwar daqxejn il-boghod ra li kien hemm tnejn min nies fuq din id-dghajsa liema zewg persuni ma kienux arrestati. Jghid li tkellem mal-persuni li kien hemm fir-Renault biss u li hu kellimhom bil-Malti u li ma tantx ikkomunikaw sew. Jghid li wiehed minn dawn il-persuni qallu li kien hemmhekk qed jistenna xi xoghol u li mbaghad komplew il-Pulizija tad-distrett.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2007, xehdet permezz tal-*video conferencing* **Tiba Ghaniah Salman** (*a fol.* 113 *et seq.*), tfajla ta' sbatax (17)-il sena, fejn qalet li meta fit-12 ta' Mejju 2007 hargu mill-ajruport u marru fuq il-*bus stop* iltaqghu b'kumbinazzjoni ma' wiehed Gharbi u bdew jitkellmu mieghu. Staqsewh ghal xi lukanda fejn setghu jmorru u qalilhom li seta' jehodhom f'wahda hu. Tispjega li l-Gharbi beda jitkellem fuq xi vjagg li seta' jehodhom minn Malta ghall-Italja u wara marru go *cafeteria*. Tghid li dan l-Gharbi qalilhom li kien ser ikellem wiehed Malti li seta' jehodhom l-Italja legalment u li dan qalilhom biex jistennew ftit. Tghid li wara ftit gie dan il-Malti li ma tafx x'jismu li kien ma' xi tfajla ohra u persuna ohra fuq mejda ohra. Tixhed li hija kienet flimkien ma' ommha u ohtha z-zghira u kien hemm zewg Gharab maghhom: wiehed kien bil-qieghda biss u l-iehor beda jitkellem ma' ommha u dan tal-ahhar beda jmur jitkellem ma' dawk fuq il-mejda l-ohra. Mistoqsija tghid x'intqal bejn ommha u dan l-Gharbi, wiegbet li dan

qalilha li riedet taghtih il-passaport u somma flus biex setgha jingieb il-permess sabiex jinhargu legalment minn Malta. Tghid li taw il-passaport u 3000 dollaru Amerikan lil dan l-Gharbi. Tixhed li wiehed minn dawk iz-zewg Maltin telaq ghax qal li kellu jmur jiccekkja jekk jistax ikollu karta ta' permess biex setghu jitilqu dakinhar jew le u mbaghad dak il-Malti jkollu kuntatt mal-Malti u l-Malti jghid lill-Gharbi u dan jghidilhom. Spjegat li wara l-Gharbi qalilhom li dakinhar ma setghux jitilqu. Mistoqsija tiddeskrivi lil Malti li l-Gharbi kien qed ikellem, tghid li hu ta' karnaggjon abjad u li huwa fartas. Tghid li wiehed kien twil u mibni u wiehed qasir imma ohxon. Tghid li l-persuna Maltija u l-persuna Gharbija bdew jitkellmu bil-Malti u li hija ma tifhimx bil-Malti. Tghid li sabu lukanda ghal lejl u li l-Gharbi ghinhom igorru l-bagalji taghhom u sabiex isibu lukanda. Tispjega li l-Gharbi hallas ghal lukanda u l-ghada marru fil-*cafeteria* u wara li marru jieklu fl-akwati marru lura hdejn l-Gharbi fil-*cafeteria* fejn kien hemm Gharbi iehor. Tghid li gew infurmati li l-Malti kellu l-permess u wara li rritornaw lura l-*cafeteria* kien hemm Gharbi wiehed biss. Tghid li kien hemm il-Maltin li rat il-gurnata ta' qabel tant li l-Gharbi qalilhom li setghu jmorru mal-Malti u li kienu ser jiltaqghu ma' xi Gharbi iehor li kien ser isiefer maghhom. Tghid li l-vettura, li kienet misjuqa mill-Malti, kienet wahda ta' kulur abjad pero ma tafx x'marka kienet u li fiha kienu hi, ommha u ohtha u l-Gharbi l-iehor li kien ser isiefer maghhom. Tghid li meta waqfu, il-Malti qalilhom li kien ser imur jiccekkja jekk kienx kollox sew u jekk id-dghajsa kienitx lesta u, f'kaz li ma kienitx lesta, kienu ser jittellghu go *flat*. Tghid li l-Malti beda jkellem lill-Gharbi u l-Gharbi beda jghidilhom x'beda jghid. Tixhed li f'hin minnhom, ghal xi d-9.00pm jew l-10.00pm marret mara Gharbija (jew Marokkina jew Tunezina) li qaltilhom biex it-tifla timtedd u titbaxxa u huma ma tawx kasha. Tghid li huma kienu fil-vettura u li l-Gharbi kien nizel mill-vettura. Tixhed li damu fil-vettura u meta mar lura l-Gharbi qalilhom li kienet qed tigi ppreparata d-dghajsa u li huma qaghdu fil-vettura u wara xi hin raw diversi vetturi tal-Pulizija. Tghid li huma ma tawx kaz u baqghu fil-vettura. Tghid li minkejja li setghu johorgu mill-vettura, huma baqghu fiha peress li kien min ghalihom li sejrin bhala turisti fid-dghajsa. Tghid li meta waslet fuq il-post ma ratx id-dghajsa. Fuq ritratt "8" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) gharfet il-vettura li ghamlet

riferenza ghaliha. Spjegat x'rat f'uhud mir-ritratti li jifformaw parti minn Dok. "EC 1" (*a fol.* 35). Tghid li x-xufier il-Malti ma ratux aktar u li meta marru l-Pulizija l-Gharbi li ha l-flus fil-*cafeteria* ma kienx fuq il-post.

In <u>kontro-ezami</u> kkonfermat li waslu bl-ajruplan mil-Libja. Mistoqsija x'kienu ser jaghmlu kieku ma ltaqghux mal-Gharbi fuq il-*bus stop*, wiegbet: *"Gejjin bhala qisna holiday"* (*a fol.* 141). Ikkonfermat li l-ftehim sar bejn l-Gharbi u ommha. Tikkonferma li ma sar l-ebda ftehim bejniethom u bejn il-Malti. Tghid li l-flus (3000 dollaru) hadhom l-Gharbi u mbaghad mar jitkellem mal-Malti. Tghid li ma ratx l-Gharbi jaghti l-flus lill-Malti. Ma tafx jekk l-Gharbi hallasx il-lukanda mill-flus li kienu tawh. Tghid li l-flus kienu jkopru l-passagg ukoll. Tghid li hi ma tkellmitx mal-Malti ghax ma tifhimx bil-Malti. Meta giet mistoqsija fuq ritratt "8" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35), tghid li meta giet mittiehda d-Depot hija gharfet din il-vettura minn wara u dana peress li ghandha l-plastik ahmar fuq wara. Mistoqsija tghid jekk kienx hemm xi haga ohra li hi setghet tghid li hija vera kienet fil-vettura, wiegbet li kellha x-xalla jew velu taghha fiha.

Meta x-xhud marret biex tidentifika lill-imputat, qalet *"Huwa" (a fol.* 149). Meta giet mistoqsija xi trid tghid biha, wiegbet: *"Jigifieri qed nghid li kien dan il-persuna li rajt jiena, wiehed mit-tnejn"* (*a fol.* 150). Tghid: *"L-ewwel li rajtu jiena rajtu fil-cafeteria imma ma rajtux hafna, kien gie ftit u telaq. Imma li issa nafu zgur ghax naf li meta gie jkellimni hu kien nizel, tbaxxa lill-iehor biex ikellmu u rajtu sewwa dak il-hin"* (*a fol.* 150). Mistoqsija tghid fejn ratu izjed, wiegbet: *"Hemm hekk rajtu t-tieni darba meta nizel ikellem lill-persuna l-ohra, rajtu fil-karozza. Meta gie ghalih u qallu inzel"* (*a fol.* 150).

Mistoqsija tiddeskrivi l-persuna li rat fl-awla, wiegbet: *"Kien qieghed bil-qieghda hdejn wiehed bi qmis celesti. Il-persuna huwa liebes iswed u hemm xi hadd hdejh bil-qeghda xi hadd liebes celesti"* (*a fol.* 150). Tghid li dan il-persuna qatt ma kellimhom. Ghad-domanda jekk meta waslu fuq il-post f'San Pawl il-Bahar, ftit qabel ma marru l-Pulizija, din il-persuna li qed tghid *"huwa, huwa"* kellimx lil ommha, wiegbet: *"Le lill-Malti biss kellem"* (*a fol.* 151).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2007, xehed **PS 241 Nicholas Farrugia** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn spjega kif il-Hadd 13 ta' Mejju 2007 kien mar f'San Pawl il-Bahar in segwitu ta' rapport li kien dahal u jghid li nstabet Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772 ta' kulur blu li kien fiha tliet irgiel. Jghid li dahlet telefonata ohra fejn inghad li mill-istess triq kien hemm grupp ta' nies li kienu qed jaharbu ghal gol-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar. Jghid li regghu marru fuq il-post fejn giet innutata *power boat* kbira ta' kulur skur, li kienet migbuda wara Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896. Jghid li t-tfittxijiet li saru rrizultaw fin-negattiv u li fil-kantuniera fejn kienet il-*power boat* giet innutata Daewoo Espero ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 li kienet ghadha shuna u fiha kien hemm ragel ta' nazzjonalita' barranija, mara, tfajla u tifla zghira u maghhom kellhom xi affarijiet personali. Jghid li l-*power boat* kienet f'nofs it-triq hierga minn go garaxx u l-vettura Daewoo kienet fil-kantuniera. Jghid li l-vettura kienet boghod mid-dghajsa tul ta' madwar erba' vetturi. Jghid li mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li n-nies li kien hemm fil-vettura kienu lesti biex jaharbu minn Malta u li kienu fi stat ta' paniku hekk kif raw il-Pulizija. Jghid li ma setghux jikkomunikaw sew. Jghid li rrizulta li dawn kienu hallsu xi flus u li mentri t-tfajla kienet titkellem naqra bl-Ingliz, l-omm kienet tifhem xi kelma bil-Malti peress li l-lingwa Maltija tixbah dik Gharbija. Jghid li d-dghajsa, li kienet ittowjata wara vettura, kienet 'l barra ppreparata biex tohrog fil-bahar u li t-tankijiet taghha kienu mimlija bil-*fuel*. Jixhed li fl-ghalqa li kien hemm faccata kien hemm vettura ohra u li rrizulta li l-garaxx, id-dghajsa u l-vettura Daewoo, cioé il-vettura l-bajda, hija proprjeta' ta' Rupert Busuttil. Mistoqsi jghid jekk id-dghajsa kellhiex xi haga partikolari li ndikatlu li ser tittiehed ghat-tiswija, wiegeb: *"Le ma ndikatlix li kienet ghat-tiswija"* (*a fol.* 163). Jghid li l-vettura Clio li tidher f'ritatt "2" ta' Dok. "EC 1" (*a fol.* 35) hija l-vettura li kien fiha tliet persuni maskili ta' nazzjonalita' barranija. Jghid li ritratt "15" juri l-Peugeot 205 li kienet ipparkjata go l-ghalqa faccata fejn kien hemm il-*power boat*. Jixhed li ritratt "7" hija l-vettura Daewoo kif kienet ipparkjata fil-kantuniera. Jghid li f'ritratt "29" tidher il-*power boat* minn gewwa u li fiha kien hemm zewg basktijiet. Jghid li ritratt "24" juri l-katnazz miftuh tal-garaxx li kien hemm miftuh u li go fih ma kien hemm hadd kif jidher f'ritratt "21". Jghid li l-garaxx

kien abbandunat wahdu u li l-katnazz kien qieghed fil-genb bic-cwievet kif jidher fir-ritratt "24". Spjega x'inhuma uhud mir-ritatti l-ohra li huwa ra. Jghid li rrizulta li l-Land Rover kellha l-licenzja skaduta u kif ukoll assigurazzjoni u kienet tghajjat lil certu Joseph Mamo.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li gol-Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 ma nstab hadd pero jghid li kellha c-cwievet gol-*ignition*. Jikkonferma li huwa ma ra lil hadd jigri u jahrab. Jghid li gol-garaxx ma kien hemm hadd pero kien hemm numru ta' affarijiet, fosthom vetturi u dghajsa ohra.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **PC 573 Paul Camilleri** (*a fol.* 173 *et seq.*) fejn qal li marru jaghtu l-assistenza lil xi units ohra fi Triq Jean de La Cassiere, f'San Pawl il-Bahar. Jghid li x'hin waslu sabu tlitt irgiel ta' karnaggjon skur fejn Renault bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772 u li kienet qed issir tfittxija fuqhom. Jghid li dawn gew mittiehda l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u li sakemm kienu l-Ghassa tal-Pulizija msemmija dahal rapport iehor li kien hemm xi nies qed jigru minn Triq Jean De La Cassiere ghal fejn il-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar u meta marru, ma nstab hadd pero f'Daewoo fl-istess triq nstabu xi nies barra. Mistoqsi jiddeskrivi dak li ra, wiegeb: *"Kien hemm din il-karozza bi tlieta min-nies. Iktar 'l boghod kien hemm dghajsa power boat rmunkata ma' Land Rover GAF 896 u garaxx miftuh u ma kien hemm hadd fih. Il-power boat kienet hierga mill-garaxx u qed taghlaq it-triq"* (*a fol.* 175). Jghid li din id-dghajsa kienet wahedha. Jghid li l-garaxx ma kienx imsakkar, kien miftuh u kellu xi tubi mixghula u kien hemm xi dghajsa ohra fih u minn ghalih li kien hemm xi vettura wkoll.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2007, xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Anthony Agius** (*a fol.* 178 *et seq.*) fejn qal x'sar jaf bih dakinhar tat-13 ta' Mejju 2007 fejn f'hin minnhom PS 241 Nicholas Farrugia infurmah li kien ikun ahjar kieku jmur fuq il-post u li meta mar sab vettura Daewoo bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 pparkjata wiccha fl-isplay fit-triq u kien hemm xi nies mahrugin minnha. Jghid li kien hemm familja Iraqqina arrestata, kien hemm tifla zghira u ommha u ohtha xebba u kien hemm ukoll zewg

guvintur ta' nazzjonalita' Gharbija arrestati f'post iehor. Jghid li rrizulta li kien hemm *power boat* ta' madwar 22 pied mahruga minn garaxx bil-muturi taghha li kienu kwazi jmissu mal-entratura ta' garaxx kbir u li l-Land Rover kellha r-*radiator* kien ghadu shun peress li messu. Jghid li l-garaxx kien mixghul u go fih kien hemm xi dghajjes. Jghid li mal-bieb ma kienx hemm sgass u li kif tidhol kien hemm mazz cwievet u wahda minnhom imdeffsa go katnazz. Ma ra l-ebda taqlib. Jghid li startja l-Land Rover u haddimha u meta ttawwal fiha osserva li bejn iz-zewg *seats* ta' quddiem kien hemm mazz boroz qishom *size* ta' ftit izghar minn A4 u kien hemm kwantita' minnhom u jsemmi xi 50 jew 100 wahda. Jghid li d-dghajsa kellha tliet muturi b'sahhiethom, kellha tnejn 225 u fin-nofs kellha wiehed 200 li ma jidhirx li kellhom xi hsarat. Jghid li fuq id-dghajsa ra li kien hemm xi soror tal-hwejjeg u qal li kien hemm tlitt basktijiet kbar u x'hin fetahhom go fihom kien hemm ggieget hoxnin li normalment jintlibsu f'temp kiesah, u kien hemm ukoll xi hwejjeg. Jghid li kien hemm *aerial* tal-GPS u li gewwa ma kien hemm xejn assocjat ma' sajd u li minn quddiem l-i*steering* sal-ponta fuq gewwa kien *clear deck*. Jghid li f'rokna fil-garaxx kien hemm madwar hames jew sitt *life jackets* ippustjati. Jghid li giet infurmata l-iSpettur Edel Mary Camilleri li marret fuq il-post u komplew jinvestigaw. Jghid li sid il-Land Rover irrizulta li kien Joseph Mamo minn Birkirkara u meta sar kuntatt mieghu kien qal li l-vettura hija tieghu u li d-dghajsa kien bieghha lill-imputat Rupert Busuttil pero dan kien tah nofs il-flus u li qatt ma kien hallsu taghha u li kien qed jibza' li mhux ser jaghtih il-bqija. Spjega li Mamo qallu li kien sellef il-Land Rover lil Busuttil pero qallu wkoll li kien jibza' jehodielu peress li kien jibza' minnu peress li skond Mamo, Busuttil kien bniedem li jasal. Jghid li aktar tard mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn kien hemm il-familja Iraqqina u l-erba' irgiel l-ohra fejn irrizulta li l-familja Iraqqina kienu hallsu xi flus, u spjega x'aktar irrizultalu rigward din il-familja. Jghid li x'qaltlu Ghaniah Salman fosthom li riedet tibda hajja gdida fl-Ewropa u li kienet hallset 3000 dollaru Amerikan biex hi u l-familja taghha jittiehdu Sqallija. Tghid li qaltlu wkoll li kienet qed tistenna biex tigi mehuda 'l barra minn Malta b'dghajsa bil-bahar. Jghid li waslu ghall-imputat minn certu Joseph Mamo, maghruf bhala c-Ciniz. Jghid li Rupert Busuttil qal li l-qliegh tieghu huwa mill-gebel u li ohtu kienet marret ghal xi mixja

u rat xi Pulizija migburin quddiem il-garaxx tieghu u meta qaltlu, hu mar u tkellem assistit minn hatnu certu Mahmud Abdallah Farah. Jghid li Busuttil qallu li din kienet xi serqa u li cahad li kien ser iharrab xi nies u li xoghlu kien dak ta' bennej. Jghid li minn tfittxija li ghamel fil-garaxx fil-prezenza tal-imputat ma sab l-ebda ghodda in konnessjoni max-xoghol tal-bini u li l-imputat qatt ma wrieh xi ghodda. Jghid li l-familja Iraqqina ttiehdet id-Depot u minn madwar 70 jew 80 vettura gew mitluba jekk jaghrufx il-vettura u li f'temp ta' nofs minuta t-tifla xebba daret u gharfet il-vettura Daewoo li kienet giet elevata u mmarkatlu xalla fuq is-*seat* ta' wara tan-naha tax-xufier li qaltlu li kienet taghha, liema xalla giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. "AA". Jghid li t-tfajla indikat il-vettura bhala l-vettura li tghid li marret biha fuq il-post flimkien ma' ommha. Jghid li meta hu u l-iSpettur Camilleri wrew xi ritratti ta' xi nies, hi mal-ewwel iccumbat ritratt li jixbah ezatt lil Rupert Busuttil. Jghid: *"Kienet qalet dak wiehed milli kien kellimni San Giljan pero imbaghad kien telaq pero ma tiftakarx li ratu fuq il-post"* (*a fol.* 189). Jghid li waqt li kien fil-garaxx tal-Pulizija rrizulta li d-dghajsa in kwistjoni kienet imfawra bil-*petrol*. Jghid li Rupert Busuttil ma ghamel l-ebda rapport dwar serq tad-dghajsa u lanqas rapport ta' serq tal-vettura tieghu, la tad-Daewoo u ta' l-ebda vettura ohra li kienu jappartjenu lilu.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2007, xehed **Joseph Mula** (*a fol.* 198 *et seq.*) in rapprezentanza tas-socjeta' Elmo Insurance fejn spjega li vettura Daewoo Espero bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 kellha zewg poloz mas-socjeta' Elmo Insurance. Jghid li kellha wahda li bdiet topera fis-26 ta' Jannar 2004 u baqghet inxurjata sal-31 ta' Jannar 2007 u ohra li bdiet topera mill-15 ta' Mejju 2007 u li kellha tibqa' sal-31 ta' Jannar 2008. Ezebixxa zewg dokumenti in sostenn ta' dan li gew immarkati bhala Dok. "JM" (*a fol.* 200) u "JM 1" (*a fol.* 201). Jghid li l-vettura hija registrata fuq Rupert Busuttil, ta' St. Mary Court, Flat 9, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2007, xehed is-**Sur Martin Bajada** (*a fol.* 208 *et seq.*) fejn qal li gie nkarigat johrog il-kontenut ta' Dok. "EC 8". Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 210 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice.*

*If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali. Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni

tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja [...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, *stante* li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-investigazzjonijiet fuq dan il-kaz bdew in segwitu ta' telefonata fejn inghad li kien qed isehh xi *deal* ta' droga u li go vettura ta' kulur blu kien qed isir tpartit ta' flus u droga mill-idejn. Aktar tard giet ricevuta telefonata ohra fejn inghad li minkejja li kienu gew maqbuda tlieta min nies pero kien hemm numru ta' nies ohra jigru fl-ghelieqi u li kienu sejrin lejn il-*bypass* ta' San Pawl il-Bahar.

Illi, filwaqt li, fost l-ohrajn, il-Prosekuzzjoni tishaq li l-imputat kien involut f'assocjazzjoni fir-rigward ta' traffikar ta' persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi, id-difiza tichad dan.

Illi l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrijiet (Dok. "EC 9" u Dok. "EC 10" – *a fol.* 39 *et seq.*) rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2007, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kienitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet wahda wahda, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet generali:

- Go vettura Renault ta' kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni BAT 772 kien hemm tlitt Gharab li jinghad li kienu harbu mic-Centru ta' Detenzjoni.

- Fil-vicinanzi kien hemm Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 registrata fuq certu Joseph Mamo maghruf bhala c-Ciniz u li maghha kien hemm *power boat* kbira bl-isem ta' "Joseph 1" li maghha kellha tlitt muturi kbar. Jinghad mill-Prosekuzzjoni li d-dghajsa kienet registrata fuq isem l-imputat. Dawn instabu quddiem garaxx li kien miftuh u

jinghad mill-Prosekuzzjoni li dan il-garaxx kien mikri lill-imputat. Filwaqt li l-Qorti tinnota li sid il-Land Rover, cioé Mamo, ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri, il-Qorti tinnota wkoll li l-prova ghand min kien mikri l-garaxx imsemmi ma gietx prodotta.

- Go ghalqa quddiem il-garaxx kien hemm vettura Peugeot abbandunata bin-numru ta' registrazzjoni IAS 397 li ssejjah lil Amor Meiri.

- Fl-inhawi nstabet vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 li ssejjah lill-imputat, f'liema vettura kien hemm Libjan kif ukoll omm ta' nazzjonalita' Iraqqina u zewg itfal taghha minorenni.

- Il-Prosekuzzjoni tishaq li l-*power boat* kienet instabet mahruga mill-garaxx u skond l-Ufficjal Prosekutur Agius il-garaxx kien mixghul, go fih kien hemm xi dghajjes u l-Land Rover li kien hemm mal-*power boat* kellha r-*radiator* taghha ghadu shun.

- L-Ufficjal Prosekutur Agius jishaq li ma kienx hemm sgass fil-bieb tal-garaxx, tant li jinghad li kif tidhol kien hemm mazz cwievet u li wahda mic-cwievet kienet imdeffsa go katnazz, u li bejn iz-zewg *seats* ta' quddiem tal-Land Rover kien hemm numru konsiderevoli ta' boroz. Agius jispecifika li fuq il-*power boat* kien hemm xi soror tal-hwejjeg u li fihom kien hemm hwejjeg u ggieget hoxnin li normalment jintlibsu f'temp kiesah. Agius jixhed dwar il-fatt li kien hemm ukoll *aerial* tal-GPS, li ma kien hemm xejn assocjat ma' sajd u li f'rokna fil-garaxx kien hemm madwar hames jew sitt *life jackets* ippustjati.

- L-Ufficjal Prosekutur Camilleri tixhed li wara ftit sieghat hi wriet album b'hafna ritratti ta' nies lil Ghaniah Salman u li kien hemm ritratt inkluz tal-imputat u tghid: *"Iva ntwerew ritratti waqt l-investigazzjoni flimkien ma' hafna iktar ritratti pero jidher li ma identifikat lil hadd at that point"* (*a fol.* 287).

- Ix-xhud Ghaniah Salman tghid li fil-*cafeteria* li marret fiha kienet ma' wiehed Gharbi u wara marru xi Maltin. Tghid li hi

ma tafx titkellem bil-Malti u hi kienet qed titkellem ma' l-Gharbi u l-Gharbi kien qed jitkellem bil-Malti mal-Malti. Hija tghid li kellhom jittiehdu barra minn Malta b'mod legali. Tispecifika li lill-imputat ratu darba wahda biss u tghid li dan kien meta kienu fil-*cafeteria*. Tghid li t-3000 dollaru Amerikan tathom lill-Gharbi f'liema hin l-imputat ma kienx hemm. Ghaniah Salman tghid li l-ghada x-xufier tal-vettura bajda kien Malti. Fil-konfro-ezami tikkonferma li lill-imputat ratu darba wahda biss fil-*cafeteria* u li l-imputat ma baqghax sal-ahhar peress li l-Gharbi qalilha li l-imputat kien sejjer biex igib il-permess. Tghid: *"il-Malti l-iehor baqa' hemm"* (*a fol.* 64).

- Elmahmoudi Ezeddin Abdulmagid (li kien flimkien ma' Salman u t-tfal taghha fil-vettura meta ttiehdu San Pawl il-Bahar) identifika lill-imputat bhala l-Malti li ltaqa' mieghu peress li ried jikri flat. Minkejja li Ghaniah Salman qalet li rat lill-imputat darba wahda biss fil-*cafeteria,* l-imsemmi Abdulmagid jghid li meta ttiehed flimkien mal-familja Iraqqina (cioé mal-familja ta' Salman) biex jara dan il-post, l-imputat kien qed isuq il-vettura u hu eventwalment nizel biex jiccekkja l-flat, u wara ftit marru l-Pulizija ghalihom.

- Riferenza ghandha ssir ghal dak li xehdet it-tifla ta' sbatax (17) il-sena Tiba Ghaniah Salman fejn spjegat li meta kienet fil-*cafeteria* flimkien ma' ommha u ohtha, wara ftit mar Malti li ma tafx x'jismu u persuna ohra fuq mejda ohra. Hija tikkonferma li l-passaport u l-flus gew moghtija lil Gharbi u li l-ghada l-vettura li kienet fiha flimkien ma' ommha u ma' ohtha u Gharbi iehor kienet misjuqa minn Malti. In kontro-ezami tikkonferma li ma sar l-ebda ftehim bejniethom u bejn il-Malti u li fl-ebda hin ma rat lill-Gharbi jaghti l-flus lill-Malti. Meta giet mitluba tidentifika lill-imputat, hija qalet li l-imputat kien wiehed miz-zewg persuni li rat u tghid li l-ewwel darba li ratu kien ghal ftit hin fil-*cafeteria* peress li wara ftit telaq. Mistoqsija tghid fejn ratu izjed, tixhed: *"Hemm hekk rajtu t-tieni darba meta nizel ikellem lill-persuna l-ohra, rajtu fil-karozza. Meta gie ghalih u qallu inzel"* (*a fol.* 150). Tghid li meta waslu f'San Pawl il-Bahar, l-imputat kellem biss lill-Malti.

- Abdelmalik Amir Makram ittiehed sabiex jaghmel xoghol ta' kisi f'post San Pawl il-Bahar u hekk kif kien ser jittiehed lura wara gurnata xoghol gew il-Pulizija. Mitlub jghid jekk jaghrafx lil dan il-persuna fl-awla, wiegeb fin-negattiv.

- M'huwiex minnu dak li jinghad fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u cioé meta nghad: *"Illi meta xehdu l-immigranti involuti f'dan il-kaz u cioé 05G-015 [Abdel Malik Amir Makram], 06TT-018 [Imrawi Khalid], 06T-223 [Zaki Abdi] u Mahmoudi Azzedin dwar dan il-kaz ghalkemm ma gharfux lill-imputat, li setgha kellu xi involviment biex jassisti xi nies biex jitilqu illegalment minn Malta, huma gharfu l-vetturi fosthom tal-imputat li kienu pparkjati kif ukoll id-dghajsa fl-istess triq fejn sehh l-akkadut mir-ritratti li hemm ezebiti fil-process"* (*a fol.* 350). Jirrizulta li Imrawi Khalid u Zaki Abdi ma xehdux f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tippretendi li l-partijiet koncernati fi proceduri quddiemha jkunu fidili lejn dak li jirrizulta mill-atti processwali.

<u>**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**</u>
<u>**(Trafikar Ta' Persuni)**</u>:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi. Il-Qorti hija obbligata li tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat u fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li huwa reat kull min bi hsieb li jaghmel xi qliegh, ikun ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta jew li kkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra. Illi dan r-reat ta' kongura huwa konsmat appena ikun hemm ftehim, mhux bhal f'kaz ta' attentat u hemm bzonn il-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt. Fir-reat ta' kongura, bniedem jista' jinstab hati talli huwa ftiehem li jikkommetti r-reat.

Illi l-*actus reus* ta' reat ta' kongura ghandu tlett elementi: (a) il-ftehim; (b) il-pattijiet tal-ftehim, u (c) is-suggett tal-ftehim. *Di fatti*, skond l-awtur Ingliz **Blackstone** fil-ktieb **Criminal Practice**, il-ftehim hu l-essenza tal-kongura. Fl-artikolu **Agreement in Criminal Conspiracies**, **G. Orchard** jissuggerixxi li ftehim jinkludi: *"A method of minds"*.

Illi kif jghid il-**Professur Mamo** fin-**Noti** tieghu [Vol. 11 - pg. 5-6]:

> *"This is not mere intention, but the announcement and acceptance of intentions".*

Illi kif gie ritenut fis-sentenzi Inglizi **R v O'Brian** [1974 3 ALL ER 663] u **R v King** [1966 Crim. L.R. 280] huwa necessarju li:

> *"The parties must have reached a determined conclusion and must be beyond the stage of merely considering the possibilities of committing a crime".*

Gie stabbili fis-sentenza ta' **Scott** [1979 - 68 CR App R 164] li:

> *"Bearing a meeting of minds, the agreement has necessarily to be communicated to the party or parties. Case law has established that communication does not necessarily require a face-to-face meeting with all the participants".*

Fis-sentenza **R v Brisac** [1803 4 East 164 A L 171] il-Qorti rriteniet li prova tal-ezistenza ta' kongura hija generalment:

> *"A method of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them".*

Dwar il-kwistjoni tas-suggett tal-ftehim, huwa necessarju li jinvolvi kummissjoni ta' *substantive offence*. Ir-reat huwa kkonsmat appena jkun hemm il-ftehim li jsir xi haga kontra l-ligi u mhux li tara dak li effettivment sehh.

Illi fis-sentenza **Churchill v Walton** [1967 - 2 AC 236 cf] il-House of Lords, iddefiniet il-*mens rea* tar-reat ta' kongura bhala:

> *"an intention to be a party to an agreement to do an unlawful act".*

Fil-fatt il-**Law Commission** fir-rapport taghha **Report on Conspiracy and Criminal Law** No. 76 para 7.2 jiddisponi s-segwenti:

> *"A person should be guilty of conspiracy if he agrees with another person that an offence shall be committed. Both must intend that any consequence specified in the definition of the offence will result and both must know of the existence of any state of affairs which it is necessary for them to know in order to be aware that the course of conduct agreed upon will amount to the offence".*

Illi l-Qorti tinnota li r-reat ta' kongura gie trattat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'numru ta' sentenzi, fosthom **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** deciza fis-6 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri u **Ir-Repubblika ta' Malta** vs. **Meinrad Calleja** deciza mill-istess Qorti nhar l-4 ta' April 2001. Fis-sentenza ta' **Steven John Caddick**, li kienet tikkoncerna kongura fit-traffikar ta' drogi, il-Qorti Kriminali kienet indirizzat lil gurati biex jikkonkludu li:

> *"If there is evidence which shows that agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, than, that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy".*

Pero dan r-ragonament gie michud mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri meta qalet:

> *"Evidence of dealing is not necessarily going to show that there was [previously] a conspiracy and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li x-xhieda Ghaniah Salman, bintha u Elmahmoudi Ezeddin Abdulmagid identifikaw lill-imputat pero, kif jirrizulta minn dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, ma jistghax jinghad li x-xhieda msemmija kienu konsistenti bejniethom dwar x'kien qed jaghmel u fejn kien ezatt l-imputat. Filwaqt li ma jirrizultax mid-depozizzjoni ta' Ghaniah Salman u bintha li l-imputat saqhom lejn San Pawl il-Bahar flimkien max-xhud l-iehor u mat-tifla l-ohra ta' Ghaniah Salman, Abdulmagid jghid li kien l-imputat li saqhom. Ghaniah Salman tghid li lill-imputat ratu fil-*cafeteria* biss u li kien Malti iehor (mhux l-imputat) li hadhom San Pawl il-Bahar. Da parte taghha, bint Ghaniah Salman tghid li regghet rat lill-imputat f'San Pawl il-Bahar meta dan semplicement nizel ikellem lill-Malti l-iehor li wassalhom hemm.

Illi l-Qorti tinnota li l-flus gew mghoddija minn Salman lill-persuna ta' nisel Gharbi mhux fil-prezenza tal-Malti. Il-Qorti tistaqsi: kif jistghu x-xhieda ta' nisel barrani li xehdu f'dawn il-proceduri jixhdu dwar dak li beda jinghad mill-persuna Maltija meta huma qalu li anqas jifhmu bil-Malti?! Kif tista' l-Qorti temmen b'mod komplut lil Ghaniah Salman meta hija bdiet id-depozizzjoni taghha billi tghid li giet Malta flimkien mat-tfal taghha ghal vaganza minghajr ma kellha post fejn toqghod?! Huwa ovvju ghaliex giet Malta! Giet Malta biex tahrab minn Malta pero dan qalitu aktar tard fid-depozizzjoni taghha! Il-Qorti tistaqsi wkoll: Kif jista' jinghata affidament komplut lill-persuna li l-ewwel qalet mod u mbaghad qalet b'mod iehor?!

Illi l-Qorti tinnota li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 li ssejjah lill-imputat jinghad li ntuzat sabiex Salman u wliehda u l-persuna l-ohra jittiehdu San Pawl il-Bahar. Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur Agius jixhed li din il-vettura ma kienitx tissakkar minn quddiem ghax il-*lock* tax-xufier kien imkisser.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li mir-rapport (Dok. "MB" – *a fol.* 210 *et seq.*) redatt mill-espert Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn li jista' jikkorrobora l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni. Hija legittima d-domanda li taghmel id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha meta

tistaqsi s-segwenti: *"Allura kif ikkomunika mal-membri l-ohra tal-assocjazzjoni delittuza l-esponenti?"* (*a fol.* 364).

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa qed jigi akkuzat bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti **mhijiex** komda li tikkonkludi li effettivament u verament l-imputat kellu involviment fit-traffikar tal-persuni in kwistjoni. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt jwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi nkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat ghandux jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija tal-imputat taht l-ewwel (1) imputazzjoni, provi li fil-kamp

penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

Tenut kont ta' dan kollu, ma jirrizultax li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u konsegwentement l-imputat mhux ser jinstab hati taghha u ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Assocjazzjoni)</u>:**
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni taht l-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé:

> (1) "Kull min f'Malta jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ikun hati tar-reat ta' assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat.
>
> (2) L-assocjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda tezisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tigi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni".

Illi fil-ligi Maltija, ir-reat t'assocjazzjoni *per se* huwa reat. Izda skont gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, biex dan ir-reat jitwettaq irid jigi muri li l-assocjazzjoni tkun saret bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Skont is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabio Zulian** deciza fit-12 ta' Mejju 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "11. Jigi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jigi applikat l-imsemmi Artikolu 48A, irid jigi determinat liem'hu r-reat li tieghu l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tieghu l-assocjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Ghalhekk ir-reat ta' assocjazzjoni jrid jigi abbinat ma' tali reat".

Illi l-Qorti m'ghandux ikollha dubju li r-reat ta' assocjazzjoni taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi abbinat mar-reat ta' traffikar taht l-ewwel (1) imputazzjoni. Filwaqt li, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, peress li din il-Qorti mhux qed issib lil imputat hati tar-reat kif kontemplat fl-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9, dan ir-reat ta' assocjazzjoni ma jistax jirrizulta. Ma giex pruvat dak li huwa rikjest sabiex jigi pruvat r-reat ta' assocjazzjoni kif jezigi Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jirrizulta l-ebda prova ta' ftehim u bl-ebda mod ma tirrizulta il-partecipazzjoni tal-imputat f'dak li huwa allegat li ghamel. B'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Vettura Trid Tkun Tajba Ghall-Uzu)</u>:**

Illi taht it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel uzu minn vetturi bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 u GAF 896 rispettivament minghajr licenzja mehtiega mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, meta l-istess vetturi ma kienux tajbin ghal uzu. L-Avukat Generali jindika l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu tal-Ligi li skond hu tista' tinsab htija fl-imputat. Filwaqt li l-Qorti tinnota li vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 jirrizulta li ma tappartjeniex lill-imputat, ma giex pruvat li effettivament l-imputat ghamel uzu jew saq il-vetturi msemmija fiz-zewg imputazzjonijiet u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Uzu Ta' Apparat Ta' Komunikazzjoni Ghal Ghan Li Ma Jkunx Dak Li Jkun Gie Fornut Ghalih Jew Inkella Uzu B'Mod Mhux Kif Imiss)</u>:**

Illi minkejja li l-Artikolu tal-Ligi li jsir riferenza ghalih fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju jaghmel riferenza ghal artikolu tal-Ligi li gie enumerat fis-sena 2010 u fis-sena 2011, pero filwaqt li l-Qorti ttenni li ma giex pruvat li l-imputat f'xi hin saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561, ma jirrizultax anqas dak li l-imputat gie

akkuzat bih taht il-hames (5) imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Rupert Busuttil hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, *stante* li l-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ikunu konfiskati l-vettura Peugeot bajda bin-numru ta' registrazzjoni IAS 397, il-vettura Daewoo bin-numru ta' registrazzjoni AAL 561 u l-vettura Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAF 896 kif ukoll dghajsa ta' tmienja u ghoxrin (28) pied b'isem "Joseph 1" bl-apparat konness, kif ukoll ta' tlitt (3) muturi tal-bahar.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**